MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Numru. 122/2006

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

David Borg

Il-Qorti;

Rat li l-imputat David Borg ta' 19-il sena, bin Martin u Maria nee' Mifsud, imwieled Pieta, nhar it-2 ta' Settembru, 1986, residenti 161, Triq l-Ghaxra ta' Frar, Bugibba, detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 396286(M) gie

mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-30 ta' Jannar, 2006 ghall-habta tad-9.00p.m. u fix-xhur ta' qabel, waqt li kien fi Triq it-Tlitt Ibliet, Bormla, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodju jew fil-pussess tieghu zewg biljetti tal-flus falsifikati tal-kambju ta' LM2 (zewg liri Maltin), li kien jaf li kienu falsifikati u dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli ghamel uzu jew xjentament kellu fil-kustodju jew pussess tieghu, xi karti mahsuba biex jixbhu u biex jghaddu bhala karta specjali (LM2) bhala dik provduta u uzata ghal ghemil ta' xi biljett tal-flus, jew karta specjali tali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 47 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 3 ta' Frar, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 4 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-14 ta' Gunju, 2006 (*folio* 13) *ai termini* ta' l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2006 u sussegwentement fis-seduta tas-17 ta Mejju, 2007 u dan wara li huwa inghata zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minn tali ammissjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Novembru, 2006 u d-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta ta' l-24 ta' Novembru 2006.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena, l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fedina penali netta ta' l-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 46 u 47 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat David Borg hati ta' l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddeciedi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tilliberah bil-kundizzjoni li huwa ma jikkommettix reat iehor ghal perijodu ta' sena (1) millum.

Il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-esebiti taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta' htija l-imputat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez konnessi ma' l-hatra ta' esperti kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 u dan peress li ma jirrizultax li kienu mahtura esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------